# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Lulju 2016**

**Kawza Numru : 4**
**Rikors Guramentat Numru : 417/2016/LSO**

**Carmvic Azzopardi (ID 402571M) u Marika Azzopardi (ID 32275M) ghan-nom u fl-interess ta' binhom minuri Luke Azzopardi**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmvic Azzopardi (ID402571M) u Marika Azzopardi (ID 32275M) ghan-nom u fl-interess ta' binhom minuri Luke Azzopardi datat 25 ta' Mejju 2016 fejn Marika Azzopardi esponiet bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat:

Illi r-rikorrenti jigu l-genituri tal-minuri Luke Azzopardi;

Illi Luke Azzopardi twieled nhar il-21 ta' Gunju 2000 u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi minn ckunitu r-rikorrent dejjem kien maghruf bl-isem ta' 'Luca' fejn fil-fatt ghandu dokumenti mahruga mill-iskola sabiex juru dan (anness u mmarkat bhala Dok B1 - Dok B5);

Illi r-rikorrent huwa cittadin Malti u li joqghod f'din l-istess gzira;

Illi d-Direttur Intimat ma jistax jaghmel il-korrezzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent halli jirrifletti r-realta' tar-rikorrent u dana minghajr sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi ghalhekk ir-rikorrent kellu jressaq din l-kawza halli b'mod ufficjali ismu jigi mnizzel bhala 'Luca' u jigi rifless skont il-ligi fl-Atti tat-Twelid tieghu, fejn fil-kolonna 'isem il-wild' jidher bhala Luca u f'kull dokument iehor ufficjali tar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti ghalhekk, ghan-nom u fl-interess ta' binhom minuri hawn imsemmi, jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 253 *et. seq.* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex issir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid surriferit.

Ghaldaqstant r-rikorrenti ghan-nom u fl-interess ta' binhom minuri hawn imsemmi jitolbu umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet su nidikati jogghobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-imsemmi Kapitolu 16:

1. Tiddikjara illi isem ir-rikorrent hu **'Luca'** u mhux Luke kif prezentement jidher fuq l-att ta' twelid;

2. Tordna ghalhekk lid-Direttur Intimat halli jaghmel l-emendi mehtiega fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent u dana billi fl-imsemmi Att tat-Twelid jigi emendat fis-sens illi fil-kolonna intestata kolonna "isem il-wild" ghandha tigi taqra **'Luca';**

3. Tordna li *a tenur* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-bdil li ser isir *a tenur* tat-talba precedenti jigi rifless f'kull att tal-istat civili tal-istess persuna, inkluz il-passaport u l-karta tal-identita' tar-rikorrent;

4. Konsegwentement tordna, *ai fini* u effetti kollha tal-Ligi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'vera kopja tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien li trid il-Ligi l-istess Direttur jaghmel it-tibdiliet u / jew korrezzjonijiet kollha mehtiega kif imsemmi fit-tieni talba.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Lulju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Gunju 2016 (fol 19) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2206 tas-sena 2000, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghal annotazzjoni fl-att ta' twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna *'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* u cioe' li jigi jinqara 'Luca' minflok 'Luke' salv pero` li huwa m'ghandux jinzamm responsabbli;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Marouska Debono ghall-atturi prezenti fl-Awla. Dehru Dr Graziella Tanti u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Kopja tan-nota tal-attur b'affidavits giet mghoddija lid-difensur tal-konvenuti *seduta stante*. Dr Debono prezentat nota b'dokument u ghaddiet kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Dr Debono ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Dr Tanti ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u rrimettiet ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Lulju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili billi jigi sostitwit

l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa.

Tali talba tirnexxi jekk ir-rikorrenti *nomine* jipprovaw ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li l-minuri huwa konsistentement maghruf bl-isem "Luca" minflok "Luke".

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fil-31 ta' Mejju 2015 (fol.15) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi l-Qorti, wara li rat il-provi prodotti, hija soddisfatta li l-atturi rnexxielhom jipprovaw li l-minuri huwa konsistentement maghruf bl-isem Luca, u ghalhekk t-talba taghhom hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-Att tat-twelid, esebit mill-istess intimat, u ghal din ir-raguni l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Riferibbilment ghat-tielet talba, din tesorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti llum inkwantu t-talbiet huma formulati abbazi tal-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jitkellem fuq registrazzjonijiet li jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-atti imsemmija, cioe`, il-karta tal-identita' u l-passaport jemanu minn entitajiet indipendenti mill-intimat. Madanakollu l-Qorti tifhem li c-certifikat tat-twelid, li huwa il-*mamma* ghal dak li jirrigwarda l-

identifikazzjoni ta' persuna ghall-finijiet u effetti kollha tal-hajja, tigi riflessa fid-dokumenti imsemmija.

Inoltre l-artikolu 253(3) jirreferi ghall-*atti tal-istat civili* li huma r-registrazzjonijiet tal-att tat-twelid u atti ta' stat civili u mhux ghad-dokumenti l-ohra bhall-passaport u l-karta tal-identita.

Ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat fis-sens li tichad l-istess sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, tichad it-tielet talba kif hawn isfel dispost, filwaqt li tilqa' t-talbiet rimanenti u cioe`:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi isem ir-rikorrent minuri hu **'Luca'** u mhux Luke kif prezentement jidher fuq l-att ta' twelid;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna ghalhekk lid-Direttur Intimat halli jaghmel l-emendi mehtiega fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent numru 2206/2000 u dana billi fl-imsemmi Att tat-Twelid jigi emendat fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem il-wild" ghandha tigi taqra **'Luca'** minnflok "Luke"**;**

3. Tichad it-tielet talba limitatament ghall-korrezzjonijiet mitluba fil-passaport u fil-karta tal-identita' ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

4. Konsegwentement tordna, *ai fini* u effetti kollha tal-Ligi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'vera kopja tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u fiz-zmien li trid il-Ligi l-istess Direttur jaghmel it-tibdiliet u / jew korrezzjonijiet kollha mehtiega kif imsemmi fit-tieni talba.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti *nomine*.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Lulju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju 2016**